



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0386/2017**

30.11.2017

**\*\*\***

## **RAKKOMANDAZZJONI**

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (13076/2017 – C8-0415/2017 – 2017/0193(NLE))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Christofer Fjellner

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (1-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	8
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	9



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (13076/2017 – C8-0415/2017 – 2017/0193(NLE))**

### **(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (13076/2017),
  - wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (13073/2017),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0415/2017),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0386/2017),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) tikkostitwixxi l-pedament tal-politika Ewropea ambizzjuża dwar il-klima. Ilha fis-seħħ mill-2005 u hija l-akbar skema ta' limitu u skambju ("cap and trade") fid-dinja. L-iskema tkopri l-manifatturi industrijali, il-produtturi tal-elettriku u t-traffiku tal-ajru, u hija l-aktar għodda importanti li għandha l-UE għad-dispożizzjoni tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-objettiv adottat fl-2014 mill-Kunsill Ewropew li, sal-2030, jitnaqqas mill-inqas 40 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbel mal-livelli tal-1990.

Huwa mistenni li s-setturi koperti mill-EU ETS inaqqas l-emissjonijiet tagħhom bi 43 %, meta mqabbel mal-2005, filwaqt li s-setturi mhux koperti minn din l-iskema huma mistennija jnaqqasuhom bi 30 %. Il-mekkaniżmu tas-suq fl-EU ETS jippermetti flessibilità u tnaqqis kosteffikaċi u effiċjenti fl-emissjonijiet, filwaqt li jissalvagwardja l-kompetittività internazzjonali tal-industriji tal-UE li jużaw ħafna enerġija permezz ta' regoli fissi fit-tul.

Issa l-EU ETS se tkun ikkollegata mal-Iskema Żvizzera għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS Żvizzera). Il-kollegament taż-żewġ skemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jippermetti lill-parteċipanti fi skema waħda jużaw unitajiet mill-iskema kkollegata għall-konformità. B'hekk jiġi estiż is-suq u tiżdied id-disponibilità ta' opportunitajiet ta' tnaqqis, li mbagħad itejjeb l-effikaċja tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u jnaqqas l-ispejjeż.

L-UE tikkontribwixxi b'10 % biss tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra u, għaldaqstant, ma tistax twaqqaf it-tisħin globali waħedha. Sabiex inrażżnu t-tisħin globali, għandna bżonn politika dwar il-klima li jsegwiha ħaddieħor ukoll. Biex isir hekk, il-politika tagħna dwar il-klima trid tkun kosteffikaċi u tappoġġa l-impjiegi, it-ktabbir u l-iżvilupp teknoloġiku. Il-fatt li jkun hemm kooperazzjoni ma' pajjiżi minn madwar id-dinja kollha u kollegament ma' skemi oħra għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet mal-EU ETS hu tal-akbar importanza u huwa l-aktar mod effikaċi biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima. Għalhekk, il-kollegament tal-EU ETS mal-ETS Żvizzera huwa pass inizjali importanti biex emitturi oħrajn jerfġu sehemhom mir-responsabilità u jirrispettaw l-objettiv fit-tul tal-politika tal-UE li jiġu kkollegati aktar skemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet mal-EU ETS u b'hekk jintlaħqu effettivament l-objettivi klimatiċi tagħna.

L-ETS Żvizzera tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti għall-kollegament mal-EU ETS, f'konformità mal-Artikolu 25 tad-Direttiva li tistabbilixxi l-EU ETS. L-ETS Żvizzera hija kompatibbli mal-EU ETS u għandha disinn simili għal tagħha. Tkopri l-istess gassijiet u setturi industrijali u tapplika l-istess limiti għall-inklużjoni. L-ETS Żvizzera tpoġġi wkoll limitu fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u mill-2013 'l hawn hija obbligatorja għall-industriji l-kbar u li jużaw ħafna enerġija.

Barra minn hekk, it-tnaqqis annwali fil-kwantità ta' kwoti fl-ETS Żvizzera huwa konformi mat-tnaqqis annwali fl-EU ETS. Fl-istess ħin, il-metodoloġiji taż-żewġ skemi f'dak li għandu x'jaqsam mal-allokkazzjoni huma kompatibbli. Il-metodu standard huwa l-irkant u, meta l-industriji jirċievu allokkazzjoni tranżitorja mingħajr hłas, jintużaw parametri referenzjarji. Il-perjodu attwali għall-iskambju jkopri l-istess snin – mill-2013 sal-2020 – u, jekk ma jiġux ċeduti biżżejjed kwoti, il-penali previsti fl-iskemi huma simili.

L-unika differenza importanti hija li, s'issa, l-ETS Żvizzera ma tkoprix l-attivitajiet tal-avjazzjoni. Madankollu, l-Iżvizzera qed tfejji biex iddaħħal l-avjazzjoni fl-ETS tagħha, b'mod li jirrifletti r-regoli tal-EU ETS. Din hija parti kruċjali mill-ftehim dwar il-kollegament, flimkien mal-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet li jiżguraw il-kompatibbiltà bejn iż-żewġ skemi sal-2030, anke wara li jkunu għaddew mir-rieżami attwali tal-2021.

It-tibdil fil-klima jikkostitwixxi kwistjoni transkonfinali li tiġi indirizzata l-aħjar fil-livell tal-UE u f'dak globali. Biex tinfluwenza u tipperswadi atturi mondjali oħrajn jagħmlu l-istess, l-UE trid tmexxi bl-eżempju b'taħlita ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u żamma tal-kompetittività. Il-kollegament propost bejn l-EU ETS u l-ETS Żvizzera jiżgura dan. Il-kollegament iwassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, filwaqt li jissalvagwardja l-kompetittività internazzjonali tal-industriji tal-UE li jużaw ħafna enerġija fit-tranżizzjoni gradwali lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u jikkonserva l-inċentivi għal investiment fit-tul f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kollegament tal-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tagħhom	
<b>Referenzi</b>	13076/2017 – C8-0415/2017 – COM(2017)0427 – 2017/0193(NLE)	
<b>Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni</b>	24.11.2017	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 29.11.2017	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 29.11.2017	ITRE 29.11.2017
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċizzjoni	AFET 14.9.2017	ITRE 11.10.2017
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Christofer Fjellner 13.9.2017	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	27.11.2017	
<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.11.2017	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 59 - : 3 0 : 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Affronte, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Catherine Bearder, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Miriam Dalli, Seb Dance, Angélique Delahaye, Mark Demesmaeker, Stefan Eck, Bas Eickhout, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Arne Gericke, Jens Gieseke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Françoise Grossetête, Anneli Jäätteenmäki, Karin Kadenbach, Kateřina Konečná, Giovanni La Via, Jo Leinen, Peter Liese, Norbert Lins, Susanne Melior, Rory Palmer, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, John Procter, Julia Reid, Frédérique Ries, Daciana Octavia Sârbu, Renate Sommer, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nicola Caputo, Herbert Dorfmann, Christofer Fjellner, Eleonora Forenza, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Jan Huitema, Peter Jahr, Gesine Meissner, Ulrike Müller, Younous Omarjee, Christel Schaldemose, Bart Staes, Keith Taylor, Tiemo Wölken	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Richard Ashworth, Pál Csáky, Marco Valli, Tomáš Zdechovský	
<b>Data tat-tressiq</b>	30.11.2017	



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>59</b>	<b>+</b>
ALDE	Catherine Bearder, Jan Huitema, Anneli Jäätteenmäki, Gesine Meissner, Ulrike Müller, Frédérique Ries
ECR	Richard Ashworth, Mark Demesmaecker, Arne Gericke, Julie Girling, Bolesław G. Piecha, John Procter
GUE/NGL	Stefan Eck, Eleonora Forenza, Kateřina Konečná, Younous Omarjee, Anja Hazekamp
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, Pál Csáky, Angélique Delahaye, Herbert Dorfmann, Christofer Fjellner, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Jens Gieseke, Françoise Grossetête, Peter Jahr, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Renate Sommer, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Tomáš Zdechovský
S&D	Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nicola Caputo, Nessa Childers, Miriam Dalli, Seb Dance, Karin Kadenbach, Jo Leinen, Susanne Melior, Rory Palmer, Pavel Poc, Christel Schaldemose, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Marco Affronte, Margrete Auken, Bas Eickhout, Martin Häusling, Bart Staes, Keith Taylor

<b>3</b>	<b>-</b>
EFDD	Julia Reid, Marco Valli
ENF	Sylvie Goddyn

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni